MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-22 ta' April, 2005

Talba Numru. 547/2005

**Mobisle Communications Limited (C24655)**
**vs**
**Seychell David (ID 41080M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-28 ta' Frar, 2005, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u tlieta u disghin lira Maltija u dsatax-il centezmu (Lm293.19), liema somma tirraprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract number 1000400 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta` attrici u dana fix-xhur bejn Gunju 2004 u Lulju 2004.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-7 ta' Jannar, 2005, dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment mal-avviz, dawk tal-ittra ufficjali lill-banek relattiva ghall-imsemmi mandat, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fit-13 ta' April, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u tlieta u disghin lira Maltija u dsatax-il centezmu (Lm293.19), bl-imghax legali mis-7 ta' Jannar, 2005 sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-7 ta' Jannar, 2005, dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment mal-avviz, dawk tal-ittra ufficjali lill-banek relattiva ghall-imsemmi mandat, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------